# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1149

Kaz Nru. 1337

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Zahra

u

Ideal Dwellings Mfg., Ltd.,

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta
Data : 6 ta' Novembru 2000

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan Il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 21 ta' April 1999 Ref. MSP/TI/38/99 biex tigi processata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmintax (18) il-seduta.

Is-Sur Carmel Zahra aktar il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukati Edward Debono, Nicolai Vella Falzon u Chris Grima.

Is-Socjeta Ideal Dwellings Manufacturing Limited li aktar il-quddiem tissejjah il-kumpanija kienet rapprezentata mis-Sinjuri Joseph Gatt, Mario Fenech, Stephen Borg u assistiti mill-avukati Ivan Gatt u Antonio Tufigno.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Zahra | -- | l-Appellant |
| Mario Fenech | -- | Director |
| Ray Calleja | -- | General Manager |
| Stephen Borg | -- | Director |
| Edward Debono | -- | Avukat |

**Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kaz gewipprezentati s-segwenti dokumenti ;

Business Card ta' Carmel Zahra

Affidavit ta' Carmel Zahra

**Dikjarazzjoni tal-kaz**

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz l-appellant jghid li gie impjegat bhala Supervisor mas-socjeta ntimata fl-1 ta' Ottubru 1998 u gie terminat mill-impieg tieghu fil-31 ta' Jannar 1999 permezz ta' ittra iffirmata minn erba' diretturi fejn tghid, *"li l-bord iddecieda illi inti tigi sospendut mix-xoghol tieghek mad-ditta biex inti jkollok hin bizzejjed biex issolvi l-problemi tieghek li qeghdin jafettwaw il-kumpanija IDM Ltd."* u tispicca tghid hekk, *"Nistidnuk illi meta inti ssolvi l-problemi kollha illli ahna indikajnilek fl-ahhar laqgha hawn fuq imsemmija, terga' tigi u toffri proposta gdida ghal konsiderazzjoni taghna"*

Illi l-intimati kienu jafu bil-problema finanzjarja li kellu r-rikkorrenti tant li huma kienu ftehmu mieghu li jdahhluh azzjonista maghhom basta li huwa jaghti l-kunsens tieghu biex il-kera tal-fond li kienet tgawdi s-socjeta Rees Furniture Co. Ltd. li l-appellant kien direttur taghha tigi terminata u bil-kunsens tas-sid tibda topera s-socjeta Ideal Dwellings Manufacturing Limited mill-fond f"Commerce Street, Qormi.

Illi r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant mas-socjeta ntimata ma humiex validi u turi biss l-intenzjoni frawdolenti li kellhom l-intimati biex ikeccu lill-mettenti mill-impieg tieghu wara li kienu akkapparraw il-kirja tal-fond f'Commerce Street, Qormi minghand is-sid Paul Carabott.

Illi l-appellant l-lum ghadu 45 sena, kien jahdem bhala Supervisor b'paga ta' Lm300 fix-xahar u beneficcji ancillari li jammontaw ghal Lm666 komplessivament.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qieghed jitlob li jigi mghoti l-impieg li kellu kompriz il-hlas tal-paga arretrata lilu dovuta u b'rizerva ghal kumpens lilu spettanti.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-kumpanija tghid li l-appellant kien kemm shareholder kif ukoll impjegat mal-kumpanija.

Illi l-posizzjoni tieghu kienet wahda mportanti u ezekuttiva kien responsabli mill-istimi tax-xoghol kif ukoll tas-supervizjoni tax-xoghol tal-hadid u njam mill-bidu tieghu sakemm jintemm u jigi mqieghed.

Illi kif spiega u ammetta l-istess appellant huwa kellu personalment problemi kbar finanzjarui.

Illi l-appellant ma kellux il-koncentrament necessarju fuq ix-xoghol u ghamel diversi zbalji li minnhom sofriet u ghadha ssofri l-kumpanija esponenti.

Illi inoltre, l-istess problemi personali finanzjarji li ghandu l-appellant fissru ghall-kumpanija esponenti l-presenza spissa ta' marixalli tal-Qorti f'esekuzzjoni ta' mandati. Presenza spissa ta' marixalli tefghet dell ikrah fuq il-kumpanija esponenti stess.

Illi dan kollu fisser hsara u dannu serju ghall-kumpanija li sofriet mhux biss telf ta' flus izda wkoll telf ta' reputazzjoni f'suq li huwa mill-aktar kompetittiv.

## Xhieda

**Carmel Zahra** - l-appellant jghid li kien shareholder u Quality Controller bhala mpieg kien responsabli billi kien jaghmel l-istimi tax-xoghol, ikejjel, jixtri, iqassam ix-xoghol, jara li x-xoghol imur fil-hin u jiccertifika x-xoghol. Wara kien johrog *cutting list* tax-xoghol jaghtiha lill-mastrudaxxa u kien jibqa' jara li x-xoghol ikun up to standard sa l-ahhar, jara li x-xoghol hu 100% sewwa u li johrog fil-hin. Kien ukoll jiehu hsieb li jimla kull tender. Bhala mastrudaxxi kellu bejn 8 jew 9 u kien hemm xi part timers. Dan ix-xoghol kollu qieghed isir mill-kumpanija ntimata fil-post tal-fabrika li kellu hu. Il-kumpanija li kellu hu kien jisimha, "Rees Furniture Co. Ltd.

Mistoqsi jekk ohtu ordnatx xoghol fil-kumpanija, l-appellant qal li kienet ordnat kcina u bieb ta' barra qal li hu ha l-kejl kollu izda fil-bieb ta' barra hadu zball il-haddiema. Minflok il-box frame ghamluha ta' 9 pluzieri ghamluha ta' 5 pulzieri. Hu nduna li l-box frame kienet hazina fl-ahhar jumejn.

Tul iz-zmien kien hemm xi xoghol iehor li kien hazin bhal bieb ta' barra ta' Paul Pace liema bieb inhadem minn Vince mastrudaxxa mill-Belt li hu ma kienx riedu jhaddmu ghax kien jaghtih hafna trouble fuq ix-xoghol u dan il-bieb hanzru, izda dan kien jirranga ma Mario Fenech direttur ghax kien close hafna mieghu.

Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija jekk kienx hemm problemi ohra ma klijenti l-appellant irrisponda li kien hemm kif ikun hemm normali fix-xoghol. L-appellant qal kif sar in-negozju bejn il-kumpanija tieghu li kellu li kienet igib l-isem Rees Furniture Co. Ltd. fejn kien gie mgharraf minn Mario Pickard, Mario Fenech, Steve Borg u Anthony Bartolo li dawk iz-zmienijiet kien jahdmilhom xi xoghol. Dawn urew interess illi jaghmlu negozju mieghu fis-sens illi jiffurmaw socjeta bejn Ideal Dwellings Turnkey Limited li ikollha

hamsa u sebghejn fil-mijja tal-azzjonijiet u hu jkollu hamsa u ghoxrin fil-mijja tal-azzjonijiet fis-socjeta li kienet tezisti bl-isem ta' Selco Development Limited u li sussegwentament biddlulha l-isem ghal I.D.W Limited. Kienu rrangaw mas-sid biex jaqleb il-kera tal-mahzen fuq is-socjeta gdida I.D.M Limited. L-appellant gie mpjegat bhala Supervisor minn Marzu 1998 b'salarju ta' Lm300 fix-xahar u bil-bonus li b'kollox kien jaqbad mat Lm8000 fis-sena.

L-appellant qal li huma kienu jafu bil-problemi finanzjarji li kellu ghax dana kollu kien gie spiegat meta kienu qed jinnegozjaw biex tigi formata l-kumpanija attrici. Qal li l-lum jirrializza li d-diretturi kull ma riedu kien biss li jakkapparraw l-inkwinament tal-mahzen li kien jahdem fih.

**Mario Fenech -** Managing Director tal-kumpanija jghid li l-appellant kien direttur tal-kumpanija tieghu stess li kienet Rees Furniture Co. Ltd. li kienet fl-istess post li qed joperaw huma il-lum. Qabel ma ghamlu shab kienu ghamlu uzu mill-appellant bhala terzi biex jahdmilhom x-xoghol tal-injam. Gara li kull gimgha beda jigi ghal-flus ghax ma ghandux ghall-pagi. Huma kienu offrewlu l-opportunita jekk iridx jinghaqad maghhom.

Kienu jafu li kien ilu ghal rasu u li pprometilhom il-kapacita kollha tieghu. Huma hallewh kwazi fil-kariga li kellu originarjament li jikkmanda kollox hlief il-managing side. Irrizulta illi maz-zmien mill-paroli ghar-realta kien hemm distanza enormi. Iltqajna kemm il-darba biex niddiskutu l-problemi izda dejjem b'hafna skuzi. Tant kien hemm problemi li ghad hemm kazijiet li ghadhom sal-lum ma thalsux tax-xoghol li kienu ghamlu fi zmienu.

**Ray Calleja** - General Manager tal-kumpanija jghid li dahal mal-kumpanija mill-bidu, dak iz-zmien kien inkarigat mis-section tal-aluminium. Il-lum qieghed jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant. Qal li ghadu jhabbat wiccu mal-problemi li halla warajh l-appellant, li huma kwistjonijiet tal-iskola tal-Gudja dwar il-hadid tas-security grids li kellhom jitwahhlu mat- twieqi li rrizzulta li kienu kbar u ma jiffitjawx. Fanali ma gewx ordnati biex jinhadmu skond it-tender u kellhom jinxtraw minn barra qabel ma ghalqet it-tender. Kaz

iehor tal-laboratorju fejn sinkijiet li kellhom jitwahhlu fuq wicc tal-postform ma kellhomx qisien sewwa u kien hemm ukoll problemi fil-kxaxen.

**Stephen Borg** - Direttur tal-kumpanija attrici izda huwa wkoll direttur ta' kumpanija ohra li jisimha Ideal Dewellings Turnkey Limited. Qal li kien hemm zmien fejn kienu s-subkontrattaw lil Rees Furniture Co. Ltd. kien propjetarju l-appellant. Kien permezz ta' hekk li huma ftehmu biex jaghmlu negozju billi jiehdu il-post tal-fabbrika li kellu l-appellant u jiffurmaw kumpanija gdida fejn l-appellant ikun shareholder u li jiehu hsieb bhala impiegat tax-xoghol kollu mbarra l-amministrazzjoni.

**Avukat Edward Debono** - Qabel beda jixhed l-appellant iddikjara illi l-avukat Edward Debono huwa liberat mis-sigriet professjonali in konnessjoni man-negozju li sehh bejnu u bejn l-Ideal Dwellings Turnkey Ltd. Wara din id-dikjarazzjoni mill-appellant ix-xhud qal li hu kien jaf li l-appellant kien f'posizzjoni li ma setax jaghmel pagamenti mis-socjeta Rees Furniture Co. Ltd. u anki li kien f'posizzjoni difficli biex ihallas il-kera tal-fond in kwestjoni. Qal li kienu marru fl-ufficcju tieghu l-appellant flimkien ma' Mario Fenech, Pickard u Bartolo biex bazikament l-intendiment taghhom kien biex jiehdu l-kirja ta' dan il-fond u kienu ftehmu li se jiffurmaw socjeta gdida, Ideal Dwellings Manufacturing Ltd. fejn 80% ta' ishma kienu ser ikunu ta' dawna u 20% ta' l-ishma kienu ser ikunu ta' l-appellant. Kienu ftehmu li l-appellant jiehu hsieb il-workshop u l-workfloor. Ix-xhud qal li kien hu stess li qallhom li kien hemm problemi finanzjarji u li kien hemm sekwestri, kienu jafu b'dan u bil-mandati tal-qbid li kien isiru ghan-nom tas-socjeta Rees Furniture Ltd.

Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija jekk kienx jaf dwar diversi ilmenti li kellhom is-socjeta dwar il-kwalita ta' xoghol u d-difetti li kienu johorgu minn taht idejh rrisponda li sa qabel ma gew quddiem it-Tribunal qatt ma kien sema' bihom dawn l-affarijiet, sar jaf bihom mix-xhieda.

**Joseph Azzopardi** - Accountant u Awditur, jghid li kien involut mal-appellant madwar sentejn tlieta qabel ma kien hemm id-diskors ta' merger. Mistoqsi

mid-difensur ta' l-appellant jekk jafx b'xi djun li kellu l-appellant irrisponda li l-appellant kien jaghmel zmien li kien imur tajjeb u kien hemm zmien li kien imur hazin fejn kellu anke xi mandati li kienu fil-Gazetta tal-Gvern, dawn il-mandati kienu qabel ma sar l-merger li jfisser kulhadd kien jaf li l-appellant kien f'inkwiet finanzjarju.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi l-argumentazzjoni ta' dan l-kaz saret bazikament fuq dawn il-binarji, *l-ewwel* il-kumpanija Rees Furniture Co. Ltd. fejn l-appellant kien il-propretarju, *it-tieni* l-kumpanija Ideal Dewellings Turnkey Limited ghamlu negozju mal-appellant fejn iffurmaw kumpanija gdida bl-isem ta' Ideal Dwellings Manufacturing Limited b'ishma ta' 80% ghalihom u 20% ghall-appellant, *it-tielet* li bil-ftehim illi l-appellant peress li kellu esperjenza ta' snin twal fis-sengha tal-injam ikun il-bnediem responsabbli mix-xoghol kollu tal-fabbrika bhala mpjegat b'salarju u bonus u li jkun ukoll inkarigat minn xoghol tal-hadid.

Illi t-Tribunal Industrijali hu ghalhekk interessat <u>biss</u> mit-tkeccija tal-appellant allegata li hi ngusta. It-Tribunal se jikonsidra *t-tielet* punt fejn l-appellant kien impjegat bhala Supervisor. Intqal li l-appellant kellu esperjenza ta' snin twal fis-sena' tal-injam u gie ghalhekk moghti l'inkarigu assolut ta' dak ix-xoghol kollu li jsehh gewwa l-fabbrika kif ukoll xoghol koness barra, kien imhallas b-salarju u bonus li kollox kompriz kien ilahhaq Lm8,000 fis-sena.

L-appellant beda fl-impjieg tieghu fil-kumpanija fl'1 ta' Ottubru 1998 u gie terminat mill-impjieg fil-31 ta' Jannar 1999.

Illi l-kumpanija matul is-smigh tal-kaz argumentat li l-appellant kellu diversi kazijiet fil-kariga tieghu li kienu jammontaw ghal spiza finanzjarja bla bzonn peress li dejjem irrizulta li kien b'nuqqas ta' attenzjoni u koncentrazzjoni fuq ix-xoghol. Il-kumpanija tallega li kellha preokkupazzjoni kontinwa kagunata minn stat ta' sitwazzjoni finanzjarja li kellu. Tghid ukoll il-kumpanija illi minbarra milli sofriet spiza finanzjarja biex tirranga n-nuqqasijiet fix-xogholijiet

li sehhew kellha problema ohra li ta' spiss ma tul il-granet kienu jigu marixalli tal-Qorti b'mandati. Il-presenza ta' dawn il-marixalli kienet ta' dannu kbir ghall-kumpanija tant illi l-kumpanija ghamlet parti sewwa mill-kaz taghha marbut mal-istat finanzjarju tal-appellant u d-dehra xejn sabieha ghal-kumpanija bil-marixalli gejjin u sejrin.

Illi l-kumpanija elenkat ilmenti li ltaqghet maghhom ikkagunati minn xoghol hazin li huma, ta' kcina, kejl hazin ta' box frame ta' bieb ta' barra, kejl hazin fl-iskola tal-Gudja, twieqi tal-hadid li huma security grids b'kejl hazin, fanali li kellhom jinhadmu skond l-offerta u ma nhadmux u kellhom jinxtraw minn ghand terzi, skola Maria Assunta xoghol ta' laboratorju li kellu wicc tal-post form fejn kellhom jigu mwahhla sinkijiet li ma kellhomx qisien tajbin u per konsegwenza meta gew issiljati flok b'linja twila pulita dahal nofs pulzier, kxaxen li ma kienux mahdumin kif suppost u problemi ohra.

Illi meta saret il-merger l-appellant dahal jahdem mal-kumpanija ntimata ghamel dan il-pass biex id-dejn li kellu fuq il-kumpanija tieghu Rees Furniture Ltd. jibda b'xi mod ihallsu. Il-fatt li l-kumpanija ntimata qalu li l-presenza tal-marixalli tal-Qorti kienet qed idejjaqhom hi assolutament barra min lokha.. Kien propju dan l-element li wassal lill-appellant li jaghmel dak il-pass u jimpjega ruhu fatt li hareg car mix-xhieda li d-diretturi kienu jafu ben tajjeb li l-appellant kien jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja li zgur ma hux accettabli li jitkecca mix-xoghol ghal din l-unika raguni.

Illi t-Tribunal josserva li l-appellant kellu xoghol ta' klassi superjura ta' Supervisor. Minn dak li qal fix-xhieda tieghu gie stabbilit li kien l-uniku persuna fil-kumpanija li kien responsabbli ghax-xoghol kollu mill-bidu tal-ordni sa l-ahhar. Kien josservilja x-xoghol billi jibqa jara li jkun *up to standard* u jaccerta ruhu li jara li jkun 100% sewwa u li johrog fil-hin. Kull nuqqas li rrizulta fix-xoghol sew tal-injam jew tal-hadid ir-responsabilta hi tieghu u ma hux fatt accettabli mit-Tribunal li jigi attribwit tali zbalji li saru mill-haddiema li ghalihom kien responsabli.

Illi l-appellant ma cahadx li kellu problemi fuq ix-xoghol pero argumenta li f'kull xoghol hu ta' liema natura hu xi kultant jinqalghu certi problemi li zgur ma jkunux problemi ta' xi nuqqas kif argumentat il-kumpanija. Hadd minn dawk li allegat li kellhom ilmenti tax-xoghol ma gie mtella jixhed biex jigi approvat dak li ntqal. L-appellant sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg kien wara li d-diretturi tal-kumpanija ntimata akkwistaw bis-sahha tal-merger il-fond li kien jokkupa hu bil-fabrika tieghu.

**Decizjoni**

Illi t-Tribunal Industrijali wara li ezamina bir-reqqa kollha dak kollu li ntqal fid-dikjarazzjoni tal-kaz sew tal-appellant kif ukoll tal-kumpanija, sema' x-xhieda kollha nkuluz is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, ra dak kollu esibit jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jghid u jiddikjara illi l-tkeccija tal-appellant minn mal-kumpanija kienet gusta.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 it-Tribubal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**